MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2005

Talba Numru. 636/2004

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Louis Bonaci**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-25 ta’ Marzu, 2004 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ mija u sitta u ghoxrin liri Maltin u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm126.23) liema ammont huwa dovut lis-socjeta` attrici in konnessjoni ma’ servizz telefoniku li jgib in-numru 21499175 (CN 1050219 a/c 10169529) liema servizz gie installat fil-fond bin-numru ufficjali ‘Villa Bonaci’ Triq l-Imdina, Balzan skond diversi kontijiet mibghuta lilu, prospett li gie anness ma’ l-Avviz tat-Talba u mmarkat bhala Dok. A, Dok. B u kuntratt relattiv markat Dok. C.

Illi l-konvenut gie interpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghall-hlas izda baqa’ inadempjenti u ghalhekk kellha ssir dina l-kawza.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali.

Ra n-nota ta’ Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat ai termini ta’ l-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u ta’ l-Artikoli 698 (2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gew ipprezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet tas-socjeta` attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ mija u sitta u ghoxrin liri Maltin u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm126.23), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjez ta’ din l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------